## Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Dr. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tat-8 ta' Jannar 2001**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Impediment ta' tluq ta' bastiment numru 2930/00 fl-ismijiet:**

**Joseph Lucchese u Michael Zammit Marmara**

**vs**

**Franz Joseph sive Benno Degenhardt bhala kaptan tal-bastiment Seemowe bil-bandiera Ingliza u registrat Londra u b'nota tat-13 ta' Ottubru 2000 Dr. Simon Tortell assuma l-atti ta' Franz Joseph sive Benno Degenhardt**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Franz Joseph sive Benno Degenhardt bhala kaptan tal-bastiment Seemowe bil-bandiera Ingliza fejn gie premess :-

Illi huwa u l-lanca tieghu gie milqut bil-mandat fuq imsemmi, li ntalab u nhareg fis-16 ta' Awissu, 2000, fuq talba bil-gurament ta' Joseph Lucchese u Michael Zammit Marmara;

Billi l-imsemmija Joseph Lucchese u Micheal Zammit Marmara naqsu milli jipprocedu bil-kawza, kif irid l-artikolu 867 tal-Kapitolu 12, fit-30 ta' Awissu, 2000, l-esponent talab u ottjena l-hrug ta' opportun kontro-mandat numru 3105/2000 (Dokument BD1);

Mill-bidu nett, l-esponent kien ikkontenda illi dak il-mandat kien frivolu u vessatorju, u ghalhekk fit-18 ta' Awissu, 2000, l-esponent kien interpona rikors sabiex ai termini ta' l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-mandat tal-impediment ta' safar jigi revokat;

Ghalhekk huwa l-kaz illi japplika d-dispost ta' l-artikolu 864 tal-Kapitolu 12, u dan billi l-mandat gie ottjenut fuq talba maghmula bil-qerq;

Ghalhekk ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi, tikkundanna lill-intimati ghal penali ta' mhux inqas minn Lm3,000, a tenur ta' l-artikolu 834 tal-Kapitolu 12;

Rat ir-risposta ta' l-intimati Joseph Lucchese u Michael Zammit Marmara fejn gie sottomess :-

Illi l-esponenti jitolbu illi t-talba rikorrenti ghal hlas ta' penali tigi michuda bl-ispejjez ghar-raguni illi t-talba ghal hrug tal-mandat fuq indikat ma kinitx wahda malizzjuza, izda kienet bazata fuq premessi validi fil-ligi;

Illi di fatti li gara kien illi l-partijiet kienu dahlu fi ftehim fejn l-esponenti gja nefqu somma konsiderevoli fuq il-lanca Seemove sabiex dina ngabet fi stat u kundizzjoni tajba billi r-rikorrent ma kellux flus sabiex jaghmel dan;

Illi in kontrokambju l-partijiet dahlu fi ftehm sabiex isir negozju bejniethom fejn il-qliegh kien sejjer jinqasam kif miftiehem;

Illi li gara huwa li r-rikorrent naqas milli jzomm in-naha tieghu tal-ftehim u kien hemm il-biza li kien sejjer jitlaq minn Malta u jhalli l-esponenti lampa stampa minghajr possibilta' ta' rimedju jew ftehim iehor;

Illi l-mandat kien sar sabiex ir-rikorrenti javvicina lill-esponenti sabiex dawna jippruvaw jirrangaw il-kwistjoni;

Illi meta gara li r-rikorrenti ma weriex li ried jirranga, sussegwentement giet prezentata citazzjoni kontra r-rikorrent;

Illi dana kollu juri bic-car illi l-hrug tal-mandat ma kienx wiehed malizzjuz u li ghalhekk ir-rikorrent - minn fuq - ma jisthoqqlux li jinghata penali a favur tieghi minhabba ksur ta' ftehim da parti tieghu;

Ghalhekk l-intimati talbu illi dina l-Qorti joghgobha tichad it-talba tar-rikorrent ghal hlas ta' penali;

Semghet lir-rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti ddikjara li huwa agixxa kontra l-intimati ghad-danni fi proceduri separati;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tar-rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2000;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti qed jghamel referenza ghal mandat ta' impediment ta' tluq ta' bastiment li gie ottjenut mill-intimati kontra l-bastiment li tieghu r-rikorrenti huwa l-kaptan. Jidher li l-intimati naqsu li jipprocedu b'citazzjoni fiz-zmien li trid il-ligi, wara l-hrug tal-imsemmi mandat u ghalhekk ir-rikorrenti ottjena l-hrug ta' opportun kontro-mandat. Ir-rikorrenti jsostni li t-talba ghall-hrug tal-imsemmi mandat ta impediment ta' tluq ta' bastiment kienet frivola u vessatorja. Huwa ukoll isostni li huwa l-kaz illi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 864 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) stante li l-imsemmi mandat gie ottjenut fuq talba maghmula bil-qerq. Ir-rikorrenti qed jitlob li l-intimati jigu kundannati jhallsu penali ta' mhux inqas minn Lm3,000 u dana a tenur ta' l-artikolu 834 dejjem tal-Kapitolu 12;

Mill-premessi kif kontenuti fir-rikors jidher ovvju li r-referneza tar-rikorrenti ghall-provedimenti tal-artikolu 834 hi r-rizultat ta zball u r-riferenza in effett ghandha tkun ghal dak li hemm provdut fl-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, b'mod partikolari ghal sub artikolu (8) tal-istess artikolu 836. Dan is-sub artikolu jipprovdi li r-rikorrent li jkun ottjena l-hrug ta' att kawtelatorju jista jigi kundannat ihallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira (Lm500) u mhux izjed minn tlett elef lira (Lm3000) lill-intimat li jkun issubixxa l-istess att kawtelatorju, jekk jirrizulta li r-rikorrenti ma jkunx ippresenta citazzjoni dwar l-istess talba fiz-zmien li trid il-ligi. L-istess rikorrenti jista ukoll jigi kundannat li jhallas l-istess penali jekk jirrizulta li t-talba tieghu ghal hrug tal-istess att kawtelatorju hi wahda li saret b'malizzja, jew kienet frivola jew vessatorja. Ir-rikorrenti invoka ukoll a favur tieghu l-provedimenti tal-artikolu 864 u cioe illi jekk jirrizulta li mandat kawtelatorju gie miksub mir-rikorrent fuq talba maghmula b'qerq, l-imsemmija penali ma ghandhiex tkun anqas minn tlett elef lira (Lm3000);

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar li l-intimati ma segwex il-hrug tal-mandat kawtelatorju in kwestjoni, b'citazzjoni, fiz-zmien li trid il-ligi u ghalhekk jidher li l-penali imsemmija fl-artikolu 836(8) hi applikabbli ghal dan il-kaz. Ir-rikorrenti, pero', qed jallega ukoll li l-intimati ottjenew il-hrug tal-istess att kawtelatorju b'qerq u b'malizzja u li t-talba taghhom kienet frivola u vessatorja;

Jirrizulta li l-att kawtelatrju in kwestjoni, li gie ottjenut mill-intimati ghas-somma ta' Lm20,000, dam fis-sehh ghal circa erbgha (4) gimghat;

Jidher li kien sar ftehim bejn il-partijiet fejn ir-rikorrenti obbliga ruhu li jiehu turisti provduti mill-intimati fuq il-bastiment tieghu ghal vjaggi madwar dawn il-Gzejjer u ghal dawn il-vjaggi r-rikorrenti kellu jircievi certu hlassijiet. Ir-rikorrenti kkonferma li huwa ghamel minn dawn il-vjaggi pero' l-intimati naqsu li jhallsuh. Ir-rikorrenti xehed li huwa rcieva biss minghand l-intimati s-somma ta Lm600 li serviet sabiex saru xi tiswijiet fil-bastiment. Skond ir-rikorrenti l-intimati naqsu ukoll li jhallsu tal-irmigg tal-bastiment, kif kienu obbligaw ruhhom li jghamlu skond l-imsemmi ftehim. Ir-rikorrenti kkonferma li kemm dam fis-sehh l-att kawtelatorju in kwestjoni huwa tilef xi xoghol ta' vjaggi lejn Sqallija. Inoltre r-rikorrenti kkonferma li huwa kien qalhom lill-intimati li kellhom ihallsu sabiex jitkompla l-ftehim, pero la darba huma ma hallsux, ghalih il-ftehim kien spicca;

Ghandu jigi rilevat li l-intimati naqsu li jipproducu provi in sostenn tas-sottomissjonijiet taghhom. Jigi rilevat ukoll li l-fatt, li l-intimati ma ghamlux citazzjoni fiz-zmien li trid il-ligi, jista ikun indikattiv li huma ma kienux ghal kollox konvinti mit-talba taghhom kif kontenuta fir-rikors taghhom ghal-hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni. Dan pero mhux bizzejjed sabiex jista jinghad li jirrizulta li l-hrug tal-att kawtelatorju gie miksub mill-intimati b'qerq. Dan il-fatt lanqas ma jirrizulta b'mod sufficjenti minn dak li xehed ir-rikorrenti. Ghalhekk mhux applikabbli l-provedimenti tal-artikolu 864 tal-Kapitolu 12;

Mill-provi pero jirrizulta li jista jkun li tali talba tal-intimati kienet frivola jew vessatorja;

In vista li jirrizulta li l-intimati ma segwex il-mandat bic-citazzjoni fiz-zmien li trid il-ligi, in vista li t-talba tal-intimati ghall-hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni setghet kienet frivola u vessatorja, in vista tal-fatt li jirrizulta li minhabba l-hrug tal-att in kwestjoni kien hemm konsegwenzi fuq ix-xoghol tal-bastiment in kwestjoni u in vista tal-minimu u tal-massimu tal-penali kif iffisati mill-artikolu 836(8), jidher li hu opportun li l-penali pagabbli mill-intimati lir-rikorrenti tigi ffissata fis-somma ta' elf u seba mija u hamsin liri flus maltin (Lm1750);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti penali ta' elf u seba mija u hamsin liri flus maltin (Lm1750) u dana ghar-ragunijiet fuq indikati u a tenur ta' l-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Spejjez kollha kontra l-intimati.